**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 30 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Numru 136/2020**

**Touch Malta Limited**

**Vs**

**Saviour Vella**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Touch Malta Limited** fis-27 ta' Lulju, 2020, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi s-soċjeta rikorrenti kriet il-propjeta bl-indirizz Maisonette 0.1, South Point Court, Triq in-Newl (li tmiss ma' Triq Ħadd in-Nies), Ħaż-Żabbar u dan permezz ta' tliet kuntratti ta' kera datati l-21 ta' Ġunju tas-sena 2017, l-31 ta' Mejju tas-sena 2018 u t-22 ta' Lulju tas-sena 2019 u dan għal żewġ perjodi ta' tnax il-xahar u tlett xhur (kif hawn annessi u mmarkati* ***Dok SS1- Dok SS3****);*

2. *Illi mal-iffirmar tal-kuntratt ta' kera s-soċjeta rikorrenti ħallset depożitu ta' danni fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850), liema depożitu, ai termini ta' klawżola li kienet tinstab f'kull kuntratt, kellu jerġa jiġi rifuż lill-istess soċjeta mat-terminazzjoni tal-kirja, u dan jekk il-fond, wara li jiġi spezzjonat mis-sid, ikun jinstab f'kundizzjoni li tkun waħda sodisfaċenti għall-istess;*

3. *Illi jiġi rilevat li meta s-soċjeta rikorrenti, senjatament Silvia Sarti, temmet il-kirja, u dan fiż-żmien stipulat fil-kuntratt ta' kera datat it-22 ta' Lulju tas-sena 2019, hi ikkommunikat mal-intimat sabiex jiġi*

*jispezzjona l-fond de quo iżda dan qalla li kien imsiefer u li kien se jibgħat lit-tifel tiegħu, Matthew Vella, biex jispezzjona l-istess;*

4. *Illi minkejja diversi skambji li saru bejn is-soċjeta rikorrenti u Matthew Vella, dan tal-aħħar baqa jitratjeni u jgħidilha li ma setax jiġi fuq il-fond għax kien qiegħed jaħdem fuq il-baħar, u dan kif ser jiġu ppruvat fil-mori tal-kawża;*

5. *Illi minkejja li s-soċjeta rikorrenti ivvakat il-fond fit-30 ta' Settembru tas-sena 2019, b'dana li ħalliet l-fond de quo nadif u f'kundizzjoni aħjar milli ingħatala fil-bidu tal-kirja, u dan kif ser jiġi muri mir-ritratti u l-filmat li ħadet hi stess dakinhar, kien biss fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2019 illi l-intimat ikkomunika ma' Silvia Sarti u dan biex jistaqsiha dwar affarijiet li hu kien qed isostni li kienu neqsin;*

6. *Illi l-intimat baqa qatt ma rrifonda d-depożitu ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850) lura lis-soċjeta rikorrenti u minkejja li l-istess soċjeta talbet sabiex tara l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, u dan għal raġunijiet li ser jiġu spjegati l-quddiem, l-intimat baqa inadempjenti;*

7. *Illi, apparti l-kera fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850) fix-xahar, kienet ukoll tħallas is-somma ta' mija u erbgħin Ewro (€140) għal dawl u ilma u tmienja u tletin Ewro (€38) għal utilitajiet oħra u dan bil-quddiem, liema somma kellha tiġi aġġustata appena jinħarġu l-ewwel kontijiet fiż-żmien tal-lokazzjoni;*

8. *Illi ciononostante, din is-somma qatt ma ġiet aġġustata u s-soċjeta rikorrenti baqgħat tħallas is-somma ta' mija u erbgħin Ewro (€140) għal dawl u ilma matul it-terminu tal-kirja kollha u għalhekk l-intimat ġabar is-somma totali ta' tlett elef seba mija u tmenin Ewro (€3780) għal dawl u ilma biss mingħand is-soċjeta rikorrenti;*

9. *Illi minkejja li s-soċjeta rikorrenti baqgħat titlob lill-intimat sabiex tara l-kontijet tad-dawl u ilma, dan baqa qatt ma urihomla u għalhekk għamlet kalkolu fuq il-fakolta mogħtija mill-ARMS stess, ossia il-billing calculator, u jirriżulta li l-ammont dovut ta' dawl u ilma għal perjodu ta' bejn il-21 ta' Ġunju tas-sena 2017 u l-1 ta' Ottubru tas-sena 2019 kien jammonta biss għal elfejn u sebgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2070.96) (hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok SS4****);*

*10. Illi għalhekk l-ammont ta' elf seba mija u disgħa Ewro u erba ċenteżmi (€1709.04) huwa ukoll dovut lis-soċjeta rikorrenti stante li dan qatt ma tħallas lill-ARMS għal dawl u ilma;*

*11. Illi s-soċjeta rikorrenti għamlet diversi tentattivi sabiex tikkomunika u tinterpellla lill-intimat biex isir ħlas totali ta' elfejn ħames mija u disgħa u ħamsin Ewro u erba ċenteżmi (€2559.04), iżda minflok dan għamel ħlas ta' sitt mija u tlieta u ħamsin Ewro (€653) permezz ta' transazzjoni bankarja fil-15 ta' Novembru tas-sena 2019, liema ħlas ġie aċċettat bħala pagament parzjali (mmarkat bħala* ***Dok SS5****);*

*12. Illi, tenut kont ta' dan il-ħlas, is-soċjeta rikorrenti ma kellix għażla għajr li tipproċedi ulterjorment u dan billi tintavola ittra uffiċjali bin-numru 601/2020 datat s-7 ta' Mejju tas-sena 2020, sabiex tiġbor il-flus rimanenti dovuti lilha, fl-ammont ta' elf disa mija u sitt Ewro u erba ċenteżmi (€1,906.04) (annessa u mmarkata bħala* ***Dok SS6****);*

*13. Illi jiġi rilevat mis-soċjeta rikorrenti li l-fond mertu ta' din il-kawża tħalla f'kundizzjoni tajba ħafna, b'dana li ma kien hemm l-ebda danni u lanqas affarijiet nieqsa;*

*14. Illi s-soċjeta rikorrenti tikkonferma illi hi taf b'dawn il-fatti personalment;*

*15. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, in vista ta dak kollu fuq premess, is-soċjeta rikorrenti bir-rispett titlob illi dan l-Onorabbli Bord jogħġbu, previa kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportun:-*

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimat huwa debitur tas-soċjeta rikorrenti fl-ammont totali ta' elf disa mija u sitt Ewro u erba ċenteżmi (€1,906.04) rappreżentanti depożitu li tħallas fil-bidu tal-lokazzjoni li baqa ma ġiex rifuż mingħajr raġuni valida, kif ukoll flus żejda li tħallsu għad-dawl u l-ilma għar-rigward il-fond bl-indirizz Maisonette 0.1, South Point Court, Triq in-Newl (li tmiss ma' Triq Ħadd in-Nies), Ħaż-Żabbar*

2. *Jordna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' elf disa mija u sitt Ewro u erba ċenteżmi (€1,906.04) lis-soċjeta rikorrenti, u dan fi żmien qasir u perentorju.*

Ra r-risposta ta' **Saviour Vella** ippreżentata fil-5 ta' Jannar, 2021, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi l-esponenti jirrileva li t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-ammonti mitluba mill-attriċi mhux dovuti kif ser jiġi ppruvat tul il-mori tal-kawża;*
3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa minnhom;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjeta` rikorrenti pproċediet bil-kawża odjerna sabiex tiġi rifuża s-somma ta' elf, disa' mija, sitt ewro u erba' ċenteżmi (€1906.04) rappreżentanti depożitu li hi ħallset fil-bidu tal-kirja u li ma ġiex ritornat mingħajr ebda raġuni u wkoll rappreżentanti flejjes żejda li tħallsu għall-konsum ta' dawl u ilma fir-rigward tal-fond Maisonette 0.1, South Point Court, Triq in-Newl, Ħaż-Żabbar.

Illi da parti tiegħu l-intimat jiċħad illi huwa għandu jirrifondi xi ammont lis-soċjeta` rikorrenti.

Illi mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta` rikorrenti kriet il-fond in kwistjoni għal tliet perjodi, tnejn ta' tnax-il xahar rispettivament u perjodu ieħor ta' tliet xhur. Jirriżulta li kull xahar kienet tħallas tmien mija u ħamsin ewro (€850) bħala kera, mija u erbgħin ewro (€140) għall-konsum tad-dawl u l-ilma u tmienja u tletin ewro (€38) għal utilitajiet oħra. Illi dawn l-aħħar żewġ ammonti kellhom jiġu aġġustati mal-kontijiet attwali.

**Sylvia Sarti**, direttur tas-soċjeta` rikorrenti, spjegat illi meta l-fond in kwistjoni ġie vakat fit-30 ta' Settembru 2019 hija ħadet ritratt tal-qari tal-*meter* u kkalkulat kemm suppost kellha tħallas għall-utilitajiet. Hija kienet ukoll ħadet ritratti u video ta' kif ħalliet l-appartament u kienet talbet lill-intimat sabiex imur jispezzjonah. Madanakollu huwa infurmaha li kien imsiefer jew ma jiflaħx u kien se jibgħat lil ibnu, pero` ibnu ma marx. Hija spjegat ukoll li talbet lill-intimat sabiex jirrifondiha dak li kien dovut lilha. Fil-15 ta' Novembru 2019 irċeviet rifużjoni ta' parti minn dak dovut u l-intimat infurmaha li l-bilanċ kien se jżommu peress li kien sab xi ħsarat fil-fond. Pero` tgħid li l-intimat, minkejja dak allegat minnu, kien uża r-ritratti li hija kienet bagħtitlu fl-aħħar ġurnata biex jirreklama l-istess appartament wara xi xahar/xahrejn li hija kienet ivvakat minnu.

Fir-rigward tal-konsum ta' dawl u ilma hija spjegat li dak dovut minnha għall-perjodu sħiħ li damet tikri l-fond kien ta' elfejn u sebgħin ewro (€2070).

Hija sostniet illi jekk verament kien hemm xi affarijiet li riedu jinbidlu jew jiġu rranġati fil-fond, l-intimat kellu jikkonsulta magħha qabel jaqbad u jixtri l-affarijiet.

In kontro-eżami xehdet illi l-kera ta' erba' mitt ewro (€400) għall-aħħar tliet xhur kienet ħallsithom bil-quddiem mill-ammont żejjed li kienet ħallset għall-konsum ta' dawl u ilma meta l-fond kien vojt. Tgħid ukoll illi fir-rigward tal-miżata tal-*condominium* din kienet sorpriża għaliha għaliex l-intimat qatt ma kien infurmaha li riedet tħallas xi miżata.

**L-intimat** xehed li wara li s-soċjeta` rikorrenti ivvakat mill-fond in kwistjoni huwa sab xi danni bħal pereżempju l-*kitchen top* maqsum, bieb tal-kamra tal-banju minfuħ, *toilet paper holder* nieqsa, ħsara fin-*net* ta' bieb apparti li l-fond kien maħmuġ. Huwa xehed illi apparti dan kollu kien hemm dovuta l-miżata tal-*condominium* ta' tliet mija u disgħin ewro (€390) fis-sena li s-soċjeta` rikorrenti qatt ma ħallset.

L-intimat ippreżenta rendikont ta' kif wasal għall-kalkolazzjonijiet tiegħu u ċioe`:

*Sylvia paid to Saviour €3104 (utilities)*

*Due to Sylvia return of deposit €850*

*Total due to Sylvia is €3954*

*Due to Saviour,*

*€1554 in Arms Bills*

*€152 Melita last 4 months*

*€400 Last part of Rent*

*€805 Damages / missing items*

*€390 share of common parts for one year only*

*Total due to Saviour €3301*

*Paid to Sylvia in Bank difference of €653*

Huwa wkoll esebixxa lista tal-ħsarat u tal-affarijiet li sab neqsin, u ċioe`:

*List of damaged / missing items,*

*Toilet paper holder missing (picture)*

*Broken fan*

*S/Steel garbage in kitchen damaged*

*Wall mounted clock missing*

*Lampshade missing*

*Ironing board damaged*

*Net damaged*

*Curtain partly burnt*

*Bathroom door damaged (picture)*

*2 blankets missing*

*4 sheets missing*

*Fridge cupboard door damaged(picture)*

*Kitchen top damaged (picture)*

***Please note from the rendikont that we only charged Sylvia for the Fridge cupboard door, the kitchen top and the bathroom door.***

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-partijiet kellhom ftehim bejniethom dwar il-kirja tal-fond in kwistjoni, liema kirja kienet regolata bi tliet skritturi privati.

Illi permezz ta' kuntratt datat **21 ta' Ġunju, 2017,** is-soċjeta\` attriċi kriet mingħand l-intimat il-fond in kwistjoni versu l**-kera ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) fix-xahar oltre ħlas ta' tmienja u tletin ewro (€38) ħlas għas-servizz tal-*internet* u wkoll mija u erbgħin ewro (€140) għall-utilitajiet.** Din il-kirja skadiet fl-20 ta' Ġunju 2018.[1]

Permezz ta' kuntratt datat **31 ta' Mejju, 2018,** is-soċjeta\` rikorrenti reġgħet kriet l-istess fond b'effett mill-20 ta' Ġunju 2018 versu **l-kera ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) fix-xahar oltre ħlas ta' mija u erbgħin ewro (€140) għall-utilitajiet, *internet* u sehem mill-miżata tal-*condominium*.** Din il-kirja skadiet fid-19 ta' Ġunju, 2019.[2]

Permezz ta' kuntratt datat **22 ta' Lulju, 2019,** is-soċjeta\` rikorrenti reġgħet kriet l-istess fond b'effett mit-22 ta' Ġunju, 2019, għal perjodu ta' tliet (3) xhur sat-30 ta' Settembru 2019 versu l**-kera ta' erbat elef, mitejn u ħamsin ewro (€4250) għall-istess perjodu oltre ħlas ta' mija u tmienja u sebgħin ewro (€178) għall-utilitajiet u *internet*.**[3]

**<u>Il-kwistjoni tal-ħlas għall-utilitajiet u miżata tal-condominium</u>**

Illi mid-dokumentazzjoni prodotta mis-soċjeta\` rikorrenti jirriżulta illi hija ħallset regolarment l-ammonti indikati fil-kuntratti permezz

[1] Dokument SV13 a fol. 223
[2] Dokument SV13 a fol. 219
[3] Dokument SV13 a fol. 221

ta' erbgħa u għoxrin (24) ċekk bl-aħħar pagament ikun fit-22 ta' Awwissu, 2019.[4]

Illi mid-dokumentazzjoni prodotta mir-rappreżentant ta' ARMS Ltd. u mill-kalkolazzjonijiet li saru minn Sarti u l-intimat jirriżulta illi s-soċjeta` rikorrenti ħallset eċċess għal dak li kien konsumat. Dan jirrikonoxxieh ukoll l-intimat fir-rendikont ippreżentat minnu a fol. 206. L-intimat jammetti wkoll fix-xhieda tiegħu illi bi żvista huwa kkalkula xahar żejjed fir-rigward tal-ħlas għas-servizz tal-*internet.*

Illi mir-rendikont esebit a fol. 206 jirriżulta illi dak ikkonsumat bħala servizzi ta' dawl u ilma għall-perjodu li l-fond kien mikri kien jammonta għal elf, ħames mija u erbgħa u ħamsin ewro (€1554). Fir-rigward tal-miżata tal-partijiet komuni il-Bord josserva illi din hija msemmija **<u>biss</u>** fil-kuntratt tal-31 ta' Mejju 2018 u kwindi l-intimat huwa dovut dan il-ħlas għall-perjodu stipulat fl-istess kuntratt biss. Dana għaliex fl-ewwel kuntratt ma ġietx imsemmija u fit-tieni kuntrat hija inkluża fl-ammont ta' mija u erbgħin ewro (€140) li kien jitħallas apparti l-kera. Illi stante li l-ammont reklamat skont ir-rendikont a fol. 206 jirreferi għal perjodu ta' sena, il-Bord jifhem li dan ma jirreferix għat-tielet kuntratt fejn il-perjodu tal-kirja kien ta' tliet (3) xhur, fejn del resto lanqas ma hija msemmija.

Illi għaldaqstant il-Bord huwa tal-fehma illi l**-intimat għandu jirrifondi l-ammont ta' tmienja u tletin ewro (€38) rappreżentanti xahar żejjed kalkolat għall-ħlas tal-*internet* kif ammess minnu stess.**

Illi l-intimat żamm ukoll erba' mitt ewro (€400) rappreżentanti bilanċ dovut lilu ta' kera li s-soċjeta` attriċi kien għad baqgħalha tħallas għall-aħħar perjodu tal-kirja. Illi Sylvia Sarti xehdet illi hija kienet ħallset dak kollu dovut. Mill-kopji taċ-ċekkijiet esebiti jirriżulta illi tul il-perjodu kollu tal-kirja hija ħallset is-somma ta' disgħa u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u disgħin ewro (€29,295)[5]. Skont il-kuntratti dak dovut kien is-segwenti u ċioe`:

---

[4] Ara cekkijiet minn fol. 76 sa 99

[5] Rendikont a fol. 100

| **Kuntratt** | **Kera**<br><br>**€** | **Utilitajiet/Partijiet komuni/Internet**<br>**€** |
|---|---|---|
| 21/06/17 | 850x12= 10,200 | Dawl u ilma - 140x12= 1,680<br>Internet - 38x12= 456 |
| 31/05/18 | 850x12= 10,200 | Dawl, ilma, internet u miżata tal-komun - 140x12= 1,680 |
| 22/07/19 | 4250 | Dawl, ilma u internet - 178x3= 534 |
| | | |
| **Total** | **24,650** | **4350** |

Illi għalhekk jirriżulta illi skont il-kuntratti l-ammont totali dovut mis-soċjeta` attriċi kien ta' disgħa u għoxrin elf (€29,000), liema ammont pero` ried jiġi aġġustat għal dak li jirrigwarda l-konsum tal-utilitajiet ta' dawl u ilma.

Illi l-Bord jinnota illi fil-kuntratt iffirmat fil-31 ta' Mejju, 2018, ġie stipulat illi l-ħlas ta' **€140 kien ikopri wkoll il-*Wifi***. Kwindi l-Bord, abbażi tal-kuntratt preċedenti jqis illi €38 minn dan l-ammont mar versu l-ħlas tal-*Wifi*. Kwindi jirriżulta illi, għall-**konsum ta' dawl u ilma**, għal 27 xahar is-soċjeta` rikorrenti ħallset l-ammont ta' €1680 fuq l-ewwel kuntratt, €834 fuq it-tieni kuntratt[6] u €420 fuq it-tielet kuntratt[7], u ċioe` total ta' €2934. Dak verament dovut għall-konsum tad-dawl u l-ilma kien jammonta għal €1554. **Kwindi s-soċjeta` rikorrenti ħallset <u>€1380 in eċċess għall-konsum ta' dawl u ilma</u>.**

**<u>Il-ħsarat fil-fond</u>**

Illi l-intimat xehed illi wara li s-soċjeta` rikorrenti vvakat mill-fond huwa sab diversi ħsarat u affarijiet neqsin pero` għażel li jitlob biss għal bieb tal-kamra tal-banju, bdil ta' *kitchen top* u bieba tal-*fridge*.

Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta` attriċi ssostni illi hija ħalliet kollox fi stat tajjeb u dwar dan esebiet filmat u anke ritratti. Sarti xehdet illi talbet lill-intimat imur jispezzjona l-fond malli dan ġie vakat pero` huwa għamel dan diversi jiem wara. Jirriżulta illi l-ewwel darba li l-intimat

[6] €1680 - €456 (internet) - €390 (mizata partijiet komuni) = €834
[7] €534 - €114 (3 xhur internet) = €420

kellem lil Sarti fuq xi mankanżi kien fis-16 ta' Ottubru, 2019, fejn pero` ma ssemmewx il-ħsarat rigwardanti l-*kitchen top,* il-bieba tal-*fridge* u l-bieba tal-kamra tal-banju.[8]

Illi fir-rigward tal-ħsarat allegati mill-intimat jirriżulta illi huwa talab *quotation* lil ċertu JTS Trading Limited fil-**15 ta' Ottubru, 2020**, u ċioe` iktar minn sena wara li l-fond ġie vakat. Jirriżulta wkoll illi, skont ma xehdet Sylvia Sarti, l-istess appartament kien qiegħed jiġi riklamat għall-kiri wara xi xahar/xaharejn illi ġie vakat fejn l-intimat uża ritratti li kienet bagħtitlu hi meta vvakat il-fond biex jirreklama l-istess fond.[9]

Illi l-Bord josserva illi għalkemm l-intimat żamm l-ammont ta' €850 bħala danni sofferti minħabba l-ħsara, jirriżulta li sar jaf kemm suppost kienet din il-ħsara fil-15 ta' Ottubru, 2020, u ċioe` meta talab għall-*quotation.* Dan ifisser illi qabel ma nfetħet din il-kawża huwa la talab għal *quotation* u wisq inqas sewwa jew biddel xi affarijiet, pero` kien qiegħed jirreklama l-fond għall-kiri. In oltre, fil-fehma umli tal-Bord, l-intimat ma ġabx l-aħjar prova dwar it-tiswijiet li suppost għamel u dana għaliex il-fatt li pproduċa stima u riċevuta fiskali ma jikkostitwixxux prova illi x-xogħol hemm indikat sar fil-fond in kwistjoni, u wisq inqas ġie prodott xhud mill-Kumpanija li għamlet l-istess xogħolijiet sabiex jispjega eżattament ix-xogħol fhiex kien jikkonsisti u fejn sar.

Illi għaldaqstant dan il-Bord huwa tal-fehma illi filwaqt li jista' jkun sar xi *chipping* tal-għamara bl-użu tal-istess għamara, pero` ma jirriżultax illi kien hemm xi negliġenza grossolana da parti tas-soċjeta` rikorrenti tenut kont li l-fond kien fil-pussess tagħha għal iktar minn sentejn u kwindi ammont ta' *wear and tear* huwa mistenni.

Illi għalhekk jirriżulta illi s-soċjeta` rikorrenti ħallset lill-intimat l-ammont komplessiv ta' disgħa u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u disgħin ewro (€29,295).[10] Dak dovut lill-intimat kien €24,650 bħala kera, €2970 bħala konsum ta' dawl/ilma/wifi/partijiet komuni,[11] u

---

[8] Ara messaggi a fol. 144

[9] Ara ritratt a fol. 131 u ritratt a fol.145

[10] Inkluz id-depozitu ta' €850

[11] €1554 għall-konsum ta' dawl u ilma + €38x27 xahar (internet) + €390 (sena mizata tal-condominiu) = €2970

għalhekk it-**total dovut kien ta' €27,620** biex b'hekk jibqa' bilanċ favur is-soċjeta` rikorrenti ta' €1675 li minnhom l-intimat diġa' rrifonda €653. Għalhekk jibqa' bilanċ favur is-soċjeta` rikorrenti ta' elf, u tnejn u għoxrin ewro (€1022).

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Bord, għar-raġunijiet hawn fuq indikati, qiegħed jiddisponi mit-talba tas-soċjeta` rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jilqa' in parte t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti u jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimat huwa debitur tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont totali ta' elf u tnejn u għoxrin ewro (€1,022) rappreżentanti depożitu li tħallas fil-bidu tal-lokazzjoni u li baqa' ma ġiex rifuż mingħajr raġuni valida, u kif ukoll ta' flus żejda li tħallsu għad-dawl u ilma għar-rigward tal-fond bl-indirizz Maisonette 0.1, South Point Court, Triq in-Newl (li tmiss ma' Triq Ħadd in-Nies), Ħaż-Żabbar;
2. Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' elf u tnejn u għoxrin ewro (€1,022) lis-soċjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjeż in kwantu tliet kwarti għall-intimat u kwart għas-soċjeta` rikorrenti, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 601/2020 u bl-interessi legali fuq is-somma likwidata f'din is-sentenza sal-pagament effettiv.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

____________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**